# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37/09

**Il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Bailey Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

37.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

37.4 Skema SPI/SCI/04/2026 – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri;

37.5 Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill;

37.6 Jum il-Gudja 2026;

37.7 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement għas-sena 2025;

37.8 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjajru ta' Kull Kwart (Jan-Mar 2026);

37.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

37.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

37.11 Rapporti;

37.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

37.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**

**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 37.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 36/09 nem con.

37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

37.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti b'ittra ta' ringrazzjament dwar l-ispustjar tal-magna tal-BCRS minn Triq tax-Xlejli.

37.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar is-sitwazzjoni tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalita' tal-Gudja. Is-Sindku żied jgħid li ntbgħatet korrispondenza lill-Prof. Charmaine Gauci dwar din is-sitwazzjoni li qed tkun ta' inkonvenjent u ta' problema ta' saħħa għar-residenti, fejn kien hemm minn spiċċa tilef ħajtu. Il-Prof. Gauci bagħtet lura lill-Kunsill fejn nfurmatu li Direttorat għadu qed jistenna xi approvazzjonijiet minn naħa tal-Wild Birds Regulation Unit (WBRU).

37.3.3 Is-Sindku għamel referenza għall-abbuż li qed isir minn xi vetturi li qed jidħlu oneway minn Triq il-Kbira (quddiem il-Knisja). Is-Sindku propona sabiex isir cctv biex jinqata' dan l-abbuż.

37.3.4 Is-Sindku għamel referenza għall-problema ta' vetturi li qed jipparkjaw fejn ir-rampa tal-ġenb tal-kampnar, fejn din qed toħloq inkonvenjent għal dawk il-persuni li jagħmlu użu mis-siġġu ta' roti. Is-Sindku talab sabiex jintalab permess biex isir parkegg jew kaxxa għall-parkeġġ għal-persuni b'diżabilita.

37.3.5 Is-Sindku talab sabiex jinxtraw tlett bankijiet (bħal ma ġew installati fil-ġnien R.Caruana) biex jiġu nstallati fl-area ta' Xlejli minflok dak li hemm fil-preżent. Is-Sindku qal li l-bankijiet li jinqagħlu jitwaħħlu fl-area ta' Loreto. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti sabiex jinġiebu l-kwotazzjonijiet.

37.3.6 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li ntbgħatet minn Skali Gudja fejn talbu sabiex il-Kunsill jgħin finanzjament fl-attivita li ser itellgħu. Dawk preżenti qablu li jgħinnu finanzjament.

37.3.7 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li saret mill-librara sabiex jinxtraw xi kotba għall-librerija pubblika tal-Gudja. Il-Kunsill approva s-somma ta' elf ewro għal xiri ta' dawn il-kotba.

37.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill għandu stedina sabiex jattendi għall-ħames konferenza tal-proġett SECURE li ser isir f'Orte, l-Italja f'Settembru li ġej. Is-Sindku talab sabiex minn huwa nteressat li jattendi, jinforma lis-Segretarja sabiex isiru l-arranġamenti neċċessarji.

37.3.9 Is-Sindku preżenta korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Pulizija tal-Komunita dwar attività li ser titella' nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 2026 ġewwa Ħal-Għaxaq. Għal din l-attivita', huma mistiedna l-membri tal-Kunsill.

37.3.10 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi l-aħħar konferenza tal-proġett KAPSI 2 li ser isir ġewwa l-Polonja. Għal din il-konferenza ser jattendu s-Sindku u l-kunsilliera M. Micallef bejn is-26 u d-29 ta' Ġunju 2026.

37.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien ġie approvat proġett tal-Europe for Citizens flimkien mall-belt ta' Giove, l-Italjau Castilleja de Guzmán, Spagnja. Għal dan il-proġett, il-Kunsill Lokali tal-Gudja ser ikun qed jospita l-ewwel laqgħa ta' dan il-proġett.

37.3.12 Ġie preżentat ir-rapport li ġie mħejji mill-Contracts Manager għax-xahar ta' Ġunju 2026.

37.3.13 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand CWES dwar il-performance bonus tal-ħaddiema, fejn dan ser ikun qed jiżdied għal 10% u ser ikun qed jitħallas kull sitt xhur. Il-Kunsillier S Caruana qajjem l-punt li din l-informazzjoni m'għandhiex tintbgħat hekk u jiġi impost biex isir il-ħlas mingħajr ebda konsultazzjoni qabel.

37.3.14 Is-Sindku għamel referenza għat-tiżjin tad-dawl tal-Milied, fejn il-Kunsill qabel li l-għaqdiet tal-lokal jarmaw b'dan il-mod. Soċjeta Filarmonika La Stella tarma Triq il-Kbira (minn fejn il-Villa ta' Dalli sal-kantuniera ta' Triq Ħal-Safi). Grupp Armar Santa Marija tarma Triq San Ċiru, Triq il-Lunzjata, Triq il-Kappillan u Triq William Baker (minn Triq il-Kappillan sa' Triq il-Kbira). Għaqda Mużikali Maria Assunta tarma Triq Raymond Caruana kollha (minn fejn l-monument tal-istess Għaqda) sa Triq il-Kbira (kantuniera ma' Triq San Ċiru), ssir 'Awguri għall-Milied u s-Sena 2027 fejn il-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali. Gudja United F.C jarmaw Triq l-Awrekarja, Triq il-Palma, Triq il-Mitħna.

37.3.15 Is-Sindku propona sabiex Triq San Mark tiġi two way u Triq il-Magħsar tiġi one way. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**37.4 Skema SPI/SCI/04/2026 – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri;**

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni dwar Skema SPI/SCI/04/2026 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri, fejn propona sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema biex ikompli bil-proġett tal-installazzjoni ta' fanali ornamentali ġodda fit-toroq tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**37.5 Is-Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill għandu sa nofs Awwissu jokkupa l-binja minn fejn qed jopera. Is-Sindku qal li t-talba tas-sidien sabiex tinxtara l-binja hija ta' €750K. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill għamel dak kollu li seta' billi prova jsib binjiet oħra disponibbli fil-Gudja li jilħqu l-kriterji li għandu bżonn il-Kunsill, għamel l-applikazzjonijiet tal-PRO mall-LANDS għal xi siti jew binijiet li huma tal-Gvern disponobbli għal Kunsill. Sfortunatament dan kollu rriżulta fin-negattiv. Is-Sindku qal ukoll li jekk tinxtara din il-binja, ser tkun aċċessibbli għal fatt li ser tkun qed tintuża wkoll l-kamra ta' isfel li kienet tintuża bħala għassa. Dawk preżenti qabblu li l-Kunsill jixtri l-binja minn fejn jopera bħalissa l-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li kellu laqgħa mad-Direttur ta' DLG, is-Sur Chris Galea u l-Assistent Direttur, is-Sur Kurt Scerri dwar din il-kwistjoni.

**37.6 Jum il-Gudja 2026;**

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-attivita' isir ġewwa Ġnien Raymond Caruana. Ġie maqbul ukoll li għal quddiesa u għaċ-ċerimonja jieħu sehem l-Kor Assumpta Est Maria. Il-Kunsill qabel

ukoll li jibgħat liż-żewġ għaqdiet tal-banda biex jipparteċipaw dakinhar ta' Jum il-Gudja 2026 għas-somma ta' elf ewro kull wieħed. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk banda ma taċċettax li tipparteċipa, l-ebda banda ma tieħu sehem. Is-Sindku propona sabiex nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 2026, jitqiegħdu kuruni tal-fjuri ġewwa ċimiterju tal-Gudja. Il-Kunsill qabel ukoll li toħroġ sejħa għall-kantanti lokali biex jipparteċipaw fl-attivita' tal-Lejla Sajfija. Is-Sindku propona ukoll sabiex dakinhar ta' tqegħid tal-kuruni tar-rand fuq iż-żuntier, isir kuruna għal kull kunsillier. Is-Sindku qal ukoll li għal dakinhar ta' ċerimonja, ser ikun qed jieħu ħsieb il-catering, is-sid tal-gabbana stess. Dwar dan kollu kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**37.7 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement għas-sena 2025;**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**37.8 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjajru ta' Kull Kwart (Jan-Mar 2026);**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**37.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

37.9.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isiru xi tabelli tan-no parking fi Triq Ħal Far minħabba xi għelieqi.

37.9.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex nergħu ninfurmaw lil entitajiet ħabba xi cables li hemm mdendlin bla użu f'ċertu toroq fil-Gudja.

**37.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Proġett tal-Ġnien ta' fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

**37.11 Rapporti;**

Nil

**37.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 25/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-kunsilliera C.Chetucti u sekondata mill-Viċi Sindku A.Dalli għall-ammont totali ta' €39,823.90 u ġiet approvata nem con.

37.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u għaxra filgħaxija (7:10pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 30 ta' Lulju 2026

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv